MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 544/2002/1

**Maggi Natalia sive Talia**

**Vs**

**Maggi Edward**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta’ Marzu 2002 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm630 (sitt mija u tletin Lira Maltin) dovuti ghal manteniment.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-attrici qed titlob l-urgenza li l-konvenut jigi ordnat ihallasha is-somma ta’ sitt mija u tletin Lira Maltin (Lm630) dovuta lilha:

- Kwantu ghan-nofs ta’ tlett mija u hmistax il-lira (Lm315) bhala manteniment ghal binthom Daniela ghall-iskadenzi ta’ kull gimgha mid-29 ta’ Dicembru, 2001 sat-2

ta’ Marzu 2002, li fihom baqa` u cioe` ghal disa’ gimghat, a bazi ta’ hamsa u tletin lira (Lm35) fil-gimgha, kif miftiehem bejn il-partijiet skond klawsola 2c tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali tas-26 ta’ April, 2001;

- U kwantu ghan-nofs l-iehor ta’ tliet mija u hmistax Lira Maltin (Lm315), ghall-istess perjodu li fih baqa`, bhala parti minn sehmha mill-kommunjoni tal-akkwisti, a bazi tar-rata kurrenti ta’ hamsa u tletin Lira (Lm35) fil-gimgha, skond klawsola b tal-istess kuntratt.

Bl-ispejjez tal-prezenti, u tal-mandat ta’ sekwestru nru 609/02 prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici huma insostenibbli stante li l-istess attrici naqset mill-obbligazzjoni kontrattwali taghha fosthom li titrasferixxi l-permessi tal-hanut fuq l-eccipjent, u li tikkonsenjalu xi effetti mobbli, u dana in virtu tal-principju legali “Inademplendi non est ademplendum”.

Stante li dan it-Tribunal mhux kompetenti li jiehu konjizzjoni ta’ kontro-talba ta’ l-eccipjent (li mhix talba limitata ghall-hlas) qed issir riserva ta’ dina l-azzzjoni f’Qorti kompetenti.

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri kontra l-attrici stante li din il-kawza kienet superfluwa billi l-ammont pretiz jirrizulta minn kuntratt pubbliku.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-talba attrici tikkoncerna talba ghall-hlas kontra l-konvenut liema ammont huwa dovut skond kuntratt ta’ separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet fis-26 ta’ April 2001.

Il-konvenut jallega illi in vista tal-fatt illi l-konvenuta ma adenitx ruhha fil-kundizzjonijiet stipulati allura m’ghandu

jhallas l-ebda ammont. Se mai huma dovuti biss una volta li taderixxi ruhha ma’ l-istess.

Li jirrizulta kjarament bejn l-istess kontendenti li hemm diverbju shih dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt fuq indikat ta’ firda personali. Dan huwa ampjament illuminat mill-patafjum ta’ atti gjudizzjarji u atti legali li gew skambjati bejn il-partijiet anki ta’ proceduri simili quddiem diversi Qrati fuq rezokont ta’ dan l-istess kuntratt. Pero` kif anke ritenut minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut skond is-sentenza tieghu moghtija fit-12 ta’ Novembru 2002 (Avviz Nru 1172/02).

“Ir-rimedju legali disponibbli lill-konvenut ma kienx illi anki huwa stess jonqos milli jonera l-istess esekuzzjoni tal-kuntratt izda kellu jirrikorri kif ghamel bi proceduri differenti u antecedenti ghal dawn odjerni illi imexxi kontra l-istess attrici. Il-fatti li persuna tieqaf milli tonera l-obbligazzjoni taghha ma tfissirx illi l-parti l-ohra f’kull cirkostanza ghandha taghmel l-istess specjalment fejn jirrigwardjaw pagament ta’ manteniment.”

Jiddeciedi ghalhekk billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630) bl-interessi kif mitluba pero` l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u salv id-dritt tal-konvenut si et quotemus li jipprocedi kontra l-istess attrici ghall-pretensjoni tieghu kif esposta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------